II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1403

tas-16 ta' Awwissu 2022

li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tal-Anness IV tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Ġermaniża u Irlandiża tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 fihom żbalji. Fil-Kapitolu V, it-Taqsima G tal-Anness IV, il-punt 1 fil-verżjoni bil-lingwa Ċeka u dik Ġermaniża, kif ukoll il-punt 2 fil-verżjoni bil-lingwa Bulgara u dik Irlandiża fihom żball li jbiddel it-tifsira ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

(2) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-verżjoni bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Ġermaniża u Irlandiża jiġu kkoreġuti skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(Ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN